**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu 2022**

Kawża Numru: 5/2019 (MS)

Joseph Sultana

vs

Soċjeta' Filarmonika La Stella

It-Tribunal

Ra' l-avviż tal-attur ippreżentat fit-8 ta' Frar 2019 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallsu s-somma ta' ħames mitt Euro, jew ammont verjuri, rappreżentanti danni sofferti mill-attur fil-propjeta' tiegħu 'Ta' Wied Sara' taħt l-għolja ta' Gelmus, limiti tar-Rabat, Għawdex u dan wara li s-soċjeta' Filarmonika La Stella, nhar il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2018, kienet qiegħda taħraq in-nar minn fuq l-għolja ta' Gelmus u b'hekk zviluppaw nirien. Illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi, anke permezz ta' ittri uffiċjali, baqgħet inadempjenti. Bl-ispejjes, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali u bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Ra r-risposta tas-soċjeta' konvenuta prezentata fit-28 ta' Frar 2019 fejn ċaħdet it-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u qalet illi ma kenitx edotta mill-fatti ta' kif seħħ l-inċident allegat mill-attur u lanqas taf fejn jinsab ir-raba li fih sar dan l-istess allegat ħruq; illi mingħajr preġudizzju huwa inverosimili li f'Lulju, jibqa' xi wiċċ tar-raba' bħal żara' jew silla jew xi tip ta' magħlef ieħor maħsud li ma jkunx miġbur u ppakkjat u għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi skrutinata

f'dan is-sens; illi fit-12 ta' Lulju 2018, ftit nar tal-ajru inħaraq mis-soċjeta' konvenuta u dan kif jista' jiġi spjegat minn nies konċernati. Dan il-fatt minnu nnifsu jagħmilha iktar remota l-possibilita' li l-ħruq allegat ġie kkawżat minn nar tal-festa; illi mingħajr preġudizzju, il-ħinijiet skond ir-rapport tal-pulizija li fih sar l-allegat ħruq fir-raba' ma jikkombaċix mal-ħinijiet li fih kien permess li jinħaraq in-nar; illi r-rapport tal-pulizija ġie mdaħħal xi jiem wara l-allegat inċident u s-soċjeta' konvenuta ġiet mgħarfa bl-akkadut biss diversi xhur wara l-allegat inċident u kwindi wara li għaddew festi oħra ġewwa r-Rabat, Għawdex, li ukoll jaħarqu n-nar tal-ajru minn fuq l-Għolja ta' Gelmus. Għalhekk is-soċjeta' konvenuta ma kellha l-ebda mod kif setgħet tivverifika l-allegat akkadut u tieħu stat ta' fatt a *tempo vergine.* Għaldaqstant talbet illi t-talbiet attriċi jiġu miċħuda *in toto* bl-ispejjżż kontra l-istess attur.

Ra illi minkejja li għamlet risposta, s-soċjeta' intimata qatt ma dehret quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ir-risposta tagħha ma ġietx konfermata bil-ġurament.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawża, l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallsu s-somma ta' ħames mitt Euro, jew ammont verjuri, wara li l-għalqa tiegħu inħarqet kawża ta' nar tal-ajru tas-soċjeta' konvenuta, li kkawżatlu ħsara fil-wiċċ tar-raba.

**Provi**

Xehed ċertu George Sultana, li qal li għandu raba ħdejn dik tal-attur, u kkonferma illi kien ra ftit ħruq pero' ma jistax igħid kif tqabbad jew liema ġurnata/ xahar kienet, jew il-ħin li tqabbad, pero' li x'aktarx dan raħ wara nofsinhar u kien daħal iż-żmien tas-Sajf, u seta' kien Lulju. Qal li kien ra ukoll

f*ire-engine* wara San Franġisk, fejn ta' Gelmus, pero' ma ġietx biex titfi n-nar. Ċaħad illi kien hu illi ra l-għalqa tar-rikorrent tinħaraq iżda qal illi r-rikorrent kien semmielu li l-għalqa tiegħu kienet inħarqet (fol 23 tal-proċess). Qal ukoll illi r-raba tar-rikorrent ma kienx maħdum.

Xehed ukoll George Micallef, permezz ta' affidavit, li qal li kien jixtri iż-żergħa jew is-silla mingħand Joseph Sultana u kien iħallsu bejn €3 u €5 għal kull balla u jixtri medja ta' mitejn balla u bejn wieħed u ieħor iħallas xi sitt mitt (€600) Euro. Qal li fis-sena 2018 kien ftehem miegħu li ser jixtri s-silla kollha li kellu ta' Wied Sara taħt l-għolja ta' Gelmus, skond kemm ikun hemm balal, pero' minħabba li l-wiċċ li kellu f'dik ir-raba spiċċa inħaraq, ma setax jixtriħ.

Xehed l-attur Joseph Sultana, permezz ta' affidavit, li qal li huwa l-propjetarju tal-għelieqi taħt l-għolja ta' Gelmus ta' ċirka tlett itmien u sgħajn u li ilu numru ta' snin jaħdem l-istess raba' billi daqqa jiżra s-silla u daqqa ż-żergħa u jbiegħ lil terzi. Qal ili fis-sena 2018 żera s-silla u dan jagħmlu bejn Awwissu u Settembru tas-sena ta' qabel sabiex tinħasad mal-festa ta' San Ġorġ u li wara li tkun intrabtet ibiegħu. Hu ikkalkola li fis-sena 2018 kien ser ikollu mal mitejn balal tas-silla, u jirċievi xi sitt mitt Euro (€600) jew ftit aktar. Pero' b'konsegwenza tan-nirien li żviluppaw nhar il-Ħamis 12 ta' Lulu 2018 waqt li kien qed jinħaraq in-nar tal-arju mis-soċjeta' intimata minn fuq l-għolja ta' Gelmus, huwa sofra danni fil-propjeta' tiegħu, meta l-istess nar inħaraq il-wiċċ kollu tar-raba tas-silla u ma baqa' xejn minnu. Igħid illi sar jaf bl-inċident għaliex infurmah ċertu George Sultana, magħruf bħala 'Ta' Dubbu', li għandu r-raba tmiss eżatt mar-raba tal-attur, u li qallu li kien ra kollox jiġri quddiemu u li l-wiċċ tar-raba nħaraq bin-nar tal-arju mis-soċjeta' intimata. Malli l-attur sar jaf, mar jagħmel rapport mal-pulizija, u kien għalhekk li mar tlett ijiem wara.

Xehed ukoll Marco Bonnici, li jaħdem id-Dipartiment ta' Protezzjoni Ċivili li qal illi f'dan il-kazż ġew imsejħa fuq il-post fis-siegħa nieqes għaxra ta' waranofsinhar u nbagħtet vettura b'żewġ persuni biex jaraw l-affarijiet. Fil-fatt f'dan il-każ marru tlett vetturi b'kollox - tlett fire-engines. Esebixxa rapport dok MB1 li fih id-data tal-inċident - 12 ta' Lulju 2018, u fejn jidher illi huma rċevew ir-rapport mill-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex dwar Grass Fire u li tnejn minn nies marru fuq il-post - il-Gelmus. Ir-rapport igħid hekk: Two members (Michael Grima u Victor Axiaq) went on site and found grass on fire. They used

water and beaters. (Incident number 00013945). Esebixxa wkoll Dok MB2 dwar l-istess inċident fejn intqal hekk: We went on site and found grass on fire. We used beaters and about 1000 lts of water. (Incident number 00013946). Marru erba' persuni fuq il-post - Aaron Refalo, Alex Azzopardi, Michael Zahra, u Mark Spiteri.

Xehed ukoll PC75 Kevin Saliba li ppreżenta r-rapport li jġib in-numru 10z2622/2018 imħejji mis-Surgent PS698.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal għandu quddiemu rapport tal-pulizija li jġib id-data ta' 15 ta' Lulju 2018, tlett ijiem wara li seħħ l-allegat inċident in kwistjoni. Pero', jidher ċar illi dan in-nar kien ġie rappurtat lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fil-ġurnata propja tal-inċident mertu tal-kawża u indipendentement mill-kwerelant/ attur. Dan ikompli jikkorrobora x-xhieda tal-attur illi qal illi sar jaf bl-inċident tlett ijiem wara li sehh u dan wara li infurmah ċertu George Sułtana, li xehed quddiem dan it-Tribunal. Għalkemm George Sultana caħad illi kien hu li nforma l-attur dwar l-inċident, wara li qies ix-xhieda kollha u d-dokumenti esebiti, it-Tribunal huwa iktar propens li jemmen il-versjoni tal-attur.

Illi għalkemm għamlet risposta, s-soċjeta' konvenuta qatt ma dehret quddiem dan it-Tribunal, u dan minkejja li l-kawża kienet ilha għall-provi tagħha minn April 2021. Fid-9 ta' Lulju 2021, deher l-avukat tas-soċjeta' konvenuta u għal darb'ohra l-kawża tħalliet għall-provi tagħha. Pero' minn dak in-nhar 'il quddiem ħadd ma reġa' deher għas-soċjeta' konvenuta u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ma kien hemm l-ebda ostakolu għal prolazzjoni tas-sentenza.

Illi fin-nuqqas ta' versjoni oħra jew ta' xhieda oħra li b'xi mod ixejjen il-versjoni tal-attur, it-Tribunal jidhirlu illi l-attur irnexxielu jilħaq il-grad ta' prova neċessarja sabiex l-istanza tiegħu jkollha suċċess fuq bażi ta' probabilita - i.e. li x'aktarx l-inċident seħħ minħabba nirien ikkawżati mis-soċjeta' konvenuta.

Għal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi, illi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallsu l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500). Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

(ft) Michela Spiteri

Ġudikant

(ft) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur